**Ma nafx x'fatta int**

Nipprova nifhmek
Forsi naqbad tarf,
Imbagħad nintebaħ
Miegħek m'hemmx għajr ħalf.

Ta' rabja kbira
Li taf wisq is-snin,
Ersaqt għall-qabar
Qed titlef il-ħin.

Nipprova nfehmek
Tgħidli mod ieħor,
Tipponta subgħajk
Moħħok f'ħaddieħor.

Mintix tinduna
Li għalkemm int kbirt,
Jaħasra kemm bqajt
Iebsa ma ċċekkintx.

Veru m'intx xiħa
Fadallek wisq x'tgħix,
Infetaħ issa
Għal dak li qed tgħid.

Toħodhiex kontra
'l-leħen ta' ġo fik,
Tgħallem xi darba
Dan iridlek 'l-ġid.

Tibqax magħluqa
B'rasek fir-ramel,
Isma' il-parir
Tibqax tal-qamel.

Għalik miftuħa
Il-qalb tal-Mulej,
Intelaq f'idejH
Issa u f'li ġej.

Waħdek mhux ħa tkun
Ħallih imexxik,
B'idu fuq spalltek
Kemm Hu se jhennik.

Isa, qum, ħaffef
Iġri f'din it-triq,

Ta’ mħabbtu kbira
Tibqax sieq fuq sieq.

Għinni biex ħsiebi
Nibdel sbejħa bint,
T’Alla Missierna
Ma nafx x’fatta int.

Patri Mario Attard OFM Cap
4 ta’ Novembru 2023

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.